# QORTI TA' L-APPELL

# (SEDE INFERJURI)

**IMHALLEF**

**ONOR. EDWINA GRIMA LL.D.**

**Seduta tat-30 ta' Settembru 2015**

**Appell Numru: 249/2010**

**BAJJA INVESTMENTS LIMITED (C13745)**

**Vs**

**NIGEL SPITERI**

Il-Qorti,

Rat fis-sentenza tas-16 ta' Dicembru 2011, fejn il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

*"**Il-Qorti,***

*Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-8 ta' Lulju 2010 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha is-somma ta' hamest elef, mitejn u tmienja w erbghin Ewro w tnejn u sebghin centezmu (€5,248.72) rapprezentanti nofs l-introjtu tieghu ai termini tal-*

*kuntratt ta' mpjieg definittiv tieghu, liema kuntratt kellu data ta' skadenza sat-22 ta' Marzu 2010 u liema kuntratt huwa naqas li jonora, u naqas ukoll milli jhallas is-somma fuq imsemmija, u anke wara li gie debitament interpellat baqa' inadempjenti.*

*Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut li hu ngunt in subizzjoni, inkluz dawk ta' l-Ittra Ufficcjali ezekuttiva ta' l-ewwel (1) t'Ottubru 2009, bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv.*

*Rat ir-risposta tal-konvenut Nigel Spiteri prezentata nhar it-26 ta' Lulju 2010 fejn eccepixxa s-segwenti:-*

*1. 'Illi t-talba tas-socjeta' rikorrenti kif kontenuta fir-rikors promotur ghandha tigi michuda stante illi s-somma ta' € 5,248.72 reklamata mis-socjeta' attrici mhix dovuta peress illi l-intimat Nigel Spiteri nghata struzzjonijiet sabiex jirrizenja mill-impieg tieghu minn ufficcjali tas-socjeta' Bajja Investments Limited.*

*2. Illi f'kull kaz u subordinatament ghal dan, il-konvenut kellu ragunijiet gusti u sufficjenti skond il-ligi, sabiex ma jibqax fl-impjieg tas-socjeta' Bajja Investments Limited.*

*Salv eccezzjonijiet ohra.'*

*Rat ix-xhieda ta'* ***Raymond Grech,*** *Human Resources Manager mas-socjeta' attrici li xehed nhar il-15 ta' Novembru 2010 fejn kkonferma li ilu mpjegat mas-socjeta' attrici sa mis-sena 2006. Ikkonferma li l-konvenut kien impjegat taghhom b'kuntratt definittiv li kien jiggeded minn sena ghal sena. L-ahhar kuntratt li kellu kien datat 23 ta' Marzu 2009, kif jirrizulta minn ezami ta' l-istess, prezentat fl-atti w immarkat bhala Dok CSH. Ix-xhud qal li fil-11 t'Awissu 2009 il-konvenut kien baghat ir-rizenja tieghu w dan peress li kien sab xoghol band'ohra w xtaq jibda xoghol gdid (Dok CSH 1).*

*Huma nfurmawh li kien qed jikser il-kuntratt u dan permezz t'ittra li baghtulu nhar it-12 t'Awwissu 2009 (Dok CSH 2) fejn gie nfurmat li ghalhekk kellu jhallas il-penali msemmija fil-kuntratt Dok. CSH fl-ammont ta' €5,248.72. Huwa esebixxa l-workings li saru ai fini ta' l-istess kuntratt li gew immarkati bhala Dok CSH 3. Raymond Grech qal li l-konvenut kien talab li jahdem in-notice tieghu minflok ma jhallas il-penali dovuti skond il-kuntratt, pero' din it-talba kienet tmur kontra l-policy tas-socjeta' attrici w ghalhekk m'accettawx il-*

*proposta tieghu. Ix-xhud ikkonferma li l-ewwel kuntratt definit li kellu kien fl-2006 Il-kuntratt mmarkat Dok CSH kien t-teliet kuntratt li huwa kellu ghal sena.*

*Rat l-affidavit ta'* **David Sammut,** *Deputy Hotel Controller mas-socjeta' attrici li gie pprezentat fl-atti nhar il-15 ta' Dicembru 2010. Huwa kkonferma li l-konvenut kien impjegat mas-socjeta' attrici fil-kapacita' ta' Cost Controller fid-dipartiment tal-finanzi, mit-23 ta' Marzu 2006 u kellu kuntratt definittiv li skada fit-22 ta' Marzu 2010. David Sammut qal li nhar il-11 t'Awissu 2009 il-konvenut irrizenja mill-impjieg tieghu u dan peress li kien sab impjieg iehor. Il-konvenut kien talab li jinnegozja l-kuntratt tieghu peress li kien kisru, izda s-socjeta' attrici ma accettatx ghaliex tali talba tmur kontra l-policy taghhom.*

*Rat l-affidavit ta'* **Angela Saliba** *Hotel Manager mas-socjeta' attrici li gie pprezentat il-Qorti nhar il-21 ta' Frar 2011. Hija ikkonfermat dak kollu li qal David Sammut, pero' ziedet tghid li waqt laqgha mizmuma ma' Valerie Vella (Financial Controller tas-socjeta' attrici), Ray Grech u l-konvenut, il-konvenut kien talab sabiex jinnegozjaw il-flejjes dovuti lis-socjeta' attrici rigward il-ksur tal-kuntratt tieghu. Pero' ma sehh xejn ghaliex dak li talab il-konvenut imur kontra l-policy tas-socjeta' attrici.*

*Rat in-nota tas-socjeta' attrici datata 12 ta' April 2011 li permezz taghha regghet ipprezentat id-dokumenti esebiti fix-xhieda ta' Ray Grech, u cioe' l-kuntratt ta' mpjieg, l-ittra ta' terminazzjoni mibghuta mill-konvenut u l-ittra respsonsiva mibghuta mis-socjeta' attrici lill-konvenut.*

*Rat ix-xhieda ta'* **Nigel Spiteri** *moghtija fis-7 ta' Lulju 2011 fejn ddikjara li l-kuntratt inkwistjoni sar fit-23 ta' Marzu 2009 u kkonferma li l-kuntratt esebit u mmarkat bhala Dok CSH huwa t-tielet kuntratt definittiv li huwa kellu w kien jiskadi fit-23 ta' Marzu 2010. Huwa kkonferma li waqaf mix-xoghol fis-17 t'Awissu 2009, u dan ghaliex jghid li ma kellux triq ohra peress li fis-sena 2009 il-lukanda kienet ghaddejja b'contingency plan u effettivament hu kien jifforma parti minnha minhabba l-posizzjoni tieghu. L-intimat qal li parti minn dan il-pjan kien li jnaqqsu l-haddiema. Hu ikkonferma li fil-fatt tnaqqsu mas-sebgha w tletin (37) impjieg full-time, ghalkemm izid li minn fost dawn kien hemm min qaleb part- time. Huwa ghalhekk kien talab lis-superjuri tieghu jekk l-impieg tieghu kienx fis-sod, u dan fl-interess tieghu, u l-financial controller kienet wegbitu li lanqas l-impjieg tieghu ma kien stabbli. Dan u tas-sena 2009 kien gie avvicinat mill-Intercontinental Hotel u offrewlu mpjieg. Huwa hass li kellu*

*jiddiskuti l-offerta taghhom peress illi dak iz-zmien, fil-lukanda li kien qed jahdem, kien hemm hafna ncertezza u peress li kien jaf li l-kuntratt li kellu mas-socjeta' attrici kien wiehed definit.*

*L-intimat kompla qal li l-Financial Controller tieghu qaltlu li ma kintix ser thallih jitlaq u dan in vista tal-fatt li kellu kuntratt definit, pero' qaltlu li kienet ser taghmel referenza ghall-hotel manager. Qal li fl-ewwel laqgha li kellu mal-manager din qaltlu li hija stess kienet tal-fehma li kellu jieqaf mix-xoghol, pero' qaltlu li kellha ttih risposta jekk setghetx thallih jitlaq mix-xoghol. Xi gimgha u nofs wara beda jitlobha, u dan ghamlu diversi drabi, biex ikollhom laqgha ohra, u dan anke tramite l-Human Resources Manager. Pero' dan qallu li l-Hotel Manager ma rieditx tiltaqa' mieghu peress li kien bi hsiebu jirrizenja. Ghalhekk hass li ma kellu l-ebda triq ohra salv li jirrizenja mill-impieg tieghu u jibda dak gdid. Nigel Spiteri sostna li fil-frattemp kien qed jaghti handing over lid-Deputy Financial Controller u dan kien qed jghidlu li kien ser ihallilu hafna nkwiet u hassu mhedded, u ghalhekk telaq mix-xoghol ghaliex ma hassx li seta' jkompli jahdem f'dawk l-ambjenti. Offra li jahdem ukoll in-notice period tieghu u jahdem sal-31 ta' Dicembru 2009, izda kien ghal xejn. Huwa qal ukoll li fix-xhur ta' Settembru w Ottubru huwa mar jghinhom jaghlqu l-accounts. Qal li l-kuntratti li kellu kollha kienu ghal perjodu definit, u ghalkemm hu kien talab li l-kuntratt tieghu isir indefinit, it-talba tieghu qatt ma giet milqugha. Jikkonferma li kien ilu mpjegat mas-socjeta' attrci sa minn Marzu 2006.*

*Qal li fis-sena 2009 kien hemm sebgha w tletin (37) haddiema li tkeccew jew li kellhom l-impjieg taghhom mhedded, ghaliex kien hemm uhud minnhom li kellhom l-impjieg taghhom mibdul minn full time ghal part time. L-intimat qal li l-persuni li tkeccew kollha kellhom impjieg ghal perijodu definit, pero' ma setax jghid jekk kinux bdew jahdmu mas-socjeta' attrici qablu jew le, ghalkemm jahseb li whud minnhom bdew qablu w ohrajn bdew warajh. Il-pagi taghhom flimkien kienu jammontaw ghal bejn wiehed u iehor mija w sittin elf Ewro (€160,000).*

*Ikkonferma li huwa tkellem ma' Valerie Vella, il-Financial Controller, u m'Angela Saliba l-Hotel Manager, u jghid li dawn it-tnejn m'ghadhomx jahdmu mas-socjeta' attrici. Tkellem ukoll ma' Ray Grech. Skond hu lkoll tawh x'jifhem li s-socjeta' attrici kellha problemi w kienet f'qaghda prekarja. Jikkonferma li Ray Grech kien verament offrielu kuntratt bhal dak li gie offert lilu mill-Intercontinental, pero' hu rrifjutah ghaliex l-offerta kienet wahda verbali biss u*

*qatt ma nghata xi kuntratt bil-miktub. Grech kien jghidlu li l-ewwel kellu jigi awtorizzat.*

*Huwa kompla qal li huwa kien informa kemm lil Ray Grech kif ukoll lil Valerie Vella li kien gie avvicinat mill-Intercontinental. Jinsisti li kellu bizgha li kien ser jitlef ix-xoghol tieghu u qabel ma telaqipprova jaghmel minn kollox biex izomm l-impjieg tieghu, pero' hass li l-impjieg tieghu ma kienx baqa' sikur, u dan proprju minhabba l-istatements li kienu qed isiru mill-management ta' dak iz-zmien. Hu stqarr illi huwa qatt ma nghata ittra diretta li kien ser ikollu diffikulta' jekk ikompli bix-xoghol. Beda jara certu manuvri illi juru li l-posizzjoni tieghu f'dak ix-xoghol ma kienx aktar tenibbli, bhal meta per ezempju bhala cost controller kienu jghidulu sabiex jara kwistjoni ta' meters, liema xoghol ma kienx kompitu tieghu. Ikkonferma li certa flessibilita' hija ndikata fil-kuntratt tieghu tax-xoghol, pero' zied li dan naturalment kien ifisser flessibilita' fin-natura tax-xoghol li kien impjegat biex jaghmel. Huwa beda x-xoghol il-gdid fi zmien gimgha minn meta spicca mix-xoghol li kellu mas-socjeta'attrici.*

***Nigel Spiteri** rega' xehed nhar it-28 ta' Settembru 2011 u kkonferma li d-dokument RA huwa formulat minnu w qal li kien gabar l-informazzjoni minn fuq il-post tax-xoghol tieghu waqt li kien ghadu impjegat hemmhekk.*

*Rat ix-xhieda ta' **Ray Grech** ta' nhar is-7 ta' Lulju 2011 fejn ikkonferma li huwa kellu l-kariga ta' Human Resources Executive meta l-konvenut kien jahdem mas-socjeta' attrici, u kien ilu jokkupa din il-kariga mis-sena 2008 ghalkemm kien ilu jahdem mas-socjeta' attrici sa mis-sena 2006. Hu qal li l-konvenut kien talbu sabiex jinhall mill-kuntratt li kellu ghaliex kien gie avvicinat minn lukanda ohra sabiex jahdem maghha. Kien talbu sabiex jirrangalu notice period sabiex hu jkun jista' jieqaf mill-impjieg tieghu bla problemi. Hu qal li in effetti kien anke semmielu li kien hemm xi mpjegati ohra li kienu gew mehlusa mill-kuntratt taghhom.*

*Mistoqsi jekk is-Sur Spiteri kienx ghamel hekk ghaliex kien qed jibza' li kien ser jitlef l-impjieg tieghu mas-socjeta' attrici, hu wiegeb li ma jiftakarx li kien hemm diskors f'dan is-sens u li fil-file tal-konvenut m'hemm xejn formali li jindika li kien inkwetat b'din il-kwistjoni. Ix-xhud qal li lilu qallu li xtaq jitlaq ghaliex kien sab opportunita' ohra b'paga ahjar, u ghalhekk xtaq li jibda mpjieg gdid, u proprju dak li jiftakar li kienet ir-raguni ghat-terminazzjoni tieghu. Qal li huwa kien ghadu mpjegat mas-socjeta' attrici. Ikkonferma li*

*mieghu il-konvenut ma lmentax fuq it-tip ta' xoghol li kien qed jaghmel, u fil-file m'hemm xejn li jimplika hekk. Huwa qal li ma jiftakarx jekk hux minnu li kienu offrewlu li jaqleb part time minn full time, pero' jaf li kienu ghamlu din l-offerta lil xi haddiema ohra. Mistoqsi jekk kienx minnu li kien hemm sebgha w tletin (37) haddiem li kienu gew affettwati fl-impieg taghhom, huwa wiegeb li ma jafx.*

*Ix-xhud sostna li s-superjur dirett tal-konvenut kienet Valerie Vella u mhux hu. Muri d-dokument esebit u mmarkat bhala Dok. RA qal li hafna mill-haddiema hemm indikati kellhom l-impjieg taghhom mibdul minn full time ghal part time u b'hekk naturalment is-sieghat li bdew jahdmu kienu inqas. Mistoqsi x'jinzamm fil-file tal-haddiema, hu wiegeb li hemm informazzjoni personali u xi lmenti formali. Dawk l-ilmenti li ma jsirux b'mod formali ma jitnizzlux fil-file.*

*Rat in-nota tas-socjeta' attrici datata 28 ta' Settembru 2011 li permezz taghha esebiet il-komunikazzjoni informali li saret tramite e-mail mibghuta minn David Sammut, fil-kapacita' tieghu ta' Hotel Controller, lill-avukat tas-socjeta' attrici.*

*Nhar l-24 ta' Ottubru 2011 xehed* **Christian Borg** *ghan-nom u in rapprezentanza tal-Employment and Training Corporation, li esebixxa zewg dokumenti, wiehed minnhom jirrelata dwar l-impjiegi li gew terminati fis-snin 2008/2009 minn mas-socjeta' Bajja Investments Ltd. maghrufa bhala Le Meridien St. Julians Hotel and Spa, li gew immarkati bhala dokument ETC, u d-dokument l-iehor gie markat bhala dokument ETC1 dwar dawk l-impjegati li minn full time gew maqluba ghal part time, dejjem mal-istess socjeta' Bajja Investments Ltd.*

*Fl-istess jum xehdet* **Dr. Claudette Fenech** *ghan-nom u in rapprezentanza tal-MFSA li stqarret li Carmel jew Paul Polidano, flimkien ma' Benjamin Camilleri w Vincent Camilleri, kellhom il-Legal Representation tas-socjeta' Bajja Investments Ltd fil-5 ta' Marzu 2009, u dan skond kif jirrizulta mid-dokument mmarkat MFSA.*

*Il-konvenut* **Nigel Spiteri** *xehed nhar l-24 ta' Ottubru 2011u qal li minn ezami tad-dokument ETC li gie esebit seduta stante dakinhar, rrizulta li kien hemm numru kbir ta' rizenji li saru fis-socjeta' Bajja Investments Ltd., u dana jirrifletti u jsahhah ix-xhieda li huwa ta fis-seduta precedenti, u dan ghaliex uhud mill-impjegati li kellhom kuntratti definiti ma kienx ser ikollhom il-kuntratt taghhom imgedded. Hu qal li fosthom per ezempju kien hemm bniedem li kien jahdem fl-istess dipartiment mieghu, fejn irrizulta li kien hemm il-kelma*

*resigned bhala termination of employment, pero' in realta' kien gie mheggeg mill-Kap tad-Dipartiment taghhom stess sabiex ifittex impjieg iehor ghaliex il-kuntratt tieghu kien ser jispicca fl-ahhar ta' dik is-sena. F'dan il-kaz kienet l-istess Kap tad-Dipartiment, Valerie Vella, li kienet cemplet lilu personali sabiex iheggeg lil Christian Falzon halli jsib impjieg kemm jista' jkun malajr.*

*Fir-realta' huwa kien jaf li n-nies kienu qed jigu nfurmati li l-kuntratti taghhom ma kienux ser jigu mgedda w kien ghalhekk li hemm dawk ir-rizenji kollha. Huwa sostna li l-impjieg li kellhom kien ser jispicca. Ix-xhud spjega li dak iz-zmien kien hemm bhala HR Ray Grech u li lilu ma kien offrielu xejn bil-miktub, qallu biss b'mod verbali li kien lest li jiddiskuti mal-Bord, u li naturalment il-Bord ma kien jaf xejn jekk kienx hemm xi cans li joffrulu l-istess kundizzjonijiet li kellu maghhom. F'dak l-ambjent li kien hemm ma' dehrlux li seghtat tigi mwettqa x-xewqa tieghu, u kien ghalhekk li sab impjieg iehor.*

*Rat in-nota tas-socjeta' rikorrenti Bajja Investments Limited li gietipprezentata minnha fil-15 ta' Novembru 2011.*

*Semghet il-partijiet jittrattaw il-kawza nhar il-15 ta' Novembru 2011.*

*Ikkunsidrat:*

*Illi f'din il-kawza is-socjeta' attrici qed titlob lil din il-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenut ihallasha somma flus rapprezentanti d-danni pre likwidati fil-kuntratt iffirmat mill-kontendenti f'kaz li l-istess konvenut jittermina l-impieg tieghu qabel iz-zmien. Il-konvenut fl-eccezzjonijiet tieghu jghid li huwa telaq mix-xoghol u ttermina l-impjieg tieghu principalment ghal zewg ragunijiet u cioe' ghaliex jghid li nghata struzzjonijiet sabiex jirrizenja u fit-tieni lok ghaliex kellu raguni gusti. Illi ghalhekk din il-Qorti trid tezamina l-fatti u tara jekk il-konvenut irnexxilux jipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li r-raguni tieghu sabiex jieqaf hesrem mix-xoghol kienx wiehed gustifikat jew le.*

*Fit-trattazzjoni tieghu l-avukat difensur tal-konvenut ibbaza id-difiza tieghu fuq dak li tghid il-Ligi fil-Kapitolu 452 tal-Kigijiet ta' Malta. Jghid li peress li l-konvenut gja kellu tlett kuntratti definittivi qabel dan, in dezamina allura l-Artikolu 36(12) tal-Kapitolu 452 ma japplikax ghalih izda japplika semmai l-Artikolu 33 ta' l-istess Kap. Id-difiza tal-attur opponiet ghal tali trattazzjoni u dan abbazi tal-principju 'selecta una via non datum recursus ad alteram'. Illi fin-nota tal-eccezzjoniojiet tieghu l-konvenut ma ghamel l-ebda referenza ghal*

*dak li tqajjem fit-trattazzjoni tieghu u ghalhekk is-socjeta' attrici giet priva milli tressaq provi sabiex tissostanzja dak li intqal fit-trattazzjoni orali.*

*Il-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna hija li Qorti li ghandha quddiemha kawza ghandha tillimita ruhha li tiddeciedi entro l-parametri tal-azzjoni u tal-eccezzjonijiet. Fil-kawza '**Carmelo Cassar noe vs Victor Zammit'** (App. Civil 23.6.2004), il-Qorti qalet hekk:*

*"Hu mgharuf u anke accetat in linea ta' principju generali illi n-natura u l-indoli tal-azzjoni ghandhom jigu dezunti mit-termini tal-att li bih jinbdew il-proceduri (Kollezz Vol. XLVII pt 1 pg 85). Dan b'mod li l-Qorti ma tistax tiddecidi fuq xi dritt iehor li jkun irrizulta anke ghaliex, kif ritenut mhux lecitu li l-kawza tigi maqtugha fuq kawzali differenti minn dik espressa fic-citazzjoni (Kollezz Vol. LVIII p II p777)."*

***L-Artikolu 728(1)** tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:-*

*"Bla hsara ghad-dispozizzjonijiet ta' l-**Artikolu 731** fil-kawzi li jsiru b'rikors guramentat, l-eccezzjonijiet kollha sew jekk dilatorji jew dwar il-meritu, ghandhom jinghataw fir-risposta guramentata skond il-kaz. Dawk l-eccezzjonijiet li jolqtu l-meritu ghandhom jinghataw bla hsara ta' dawn l-eccezzjonijiet dilatorji.*

*(2) Ebda eccezzjoni ohra ma tista' tinghata f'waqt iehor tal-kawza; b'dan li l-Qorti tista', meta jsirilha rikors mill-konvenut jew appellat, tippermetti li jinghataw iktar eccezzjonijiet, jekk din tkun sodisfatta li kien hemm ragunijiet validi l-ghaliex ma jkunux inghataw fin-nota ta' l-eccezzjonijiet jew fir-risposta."*

*Jinghad minnufih li f'din il-kawza l-konvenut qatt ma talab li jipprezenta xi eccezzjoni ulterjuri izda qabad u tratta l-kaz tieghu fuq il-**Kapitolu 452** tal-Ligijiet ta' Malta.*

*L-**Artikolu 728** tal-Kap. 12 ghandu l-eccezzjoni tieghu u cioe' dak provdut fl-**Artikolu 731** tal-istess Kap. li jghid is-segwenti:-*

***"**Id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 728 ma jghoddux ghal dawk l-eccezzjonijiet li jistghu b'disposizzjoni espressa ta' dan il-Kodici jinghataw f 'kull waqt ta' l-procedimenti, jew ghall-eccezzjonijiet li jinqalghu waqt il-kawza."*

*Issir referenza ghas-sentenza moghtija fl-ismijiet '**Sunspot Tours Limited vs C.H Caterers Limited'**, deciza fis-16 ta' Dicembru 2003 mill-Qorti ta' l-Appell fejn inghad is-segwenti:*

*"Ir-regola generali hija li l-eccezzjonijiet kollha sew dilatorji kif ukoll dawk dwar il-meritu ghandhom jinghataw fin-nota tal-eccezzjonijiet jew fir-risposta skond il-kaz. Ghal din ir-regola hemm zewg eccezzjonijiet: 1. Id-dritt tal-parti li tressaq eccezzjonijiet ohra jekk tissodisfa l-Qorti li kien hemm ragunijiet validi l-ghaliex ma jkunux inghataw fin-nota tal-eccezzjonijiet jew fir-risposta; u*

*2. Id-dritt tal-parti li tressaq dawk l-eccezzjonijiet li jistghu b'disposizzjoni espressa tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jinghataw f'kull waqt tal-procedimenti, jew ghall-eccezzjonijiet li jinqalghu waqt il-kawza. Fost dawn hemm l-hekk imsejha eccezzjonijiet perentorji li ghandhom l-effett li jwaqfu l-proceduri.*

***L-Artikolu 731** li jitkellem dwar dawk l-eccezzjonijiet li, b'disposizzjoni espressa tal-ligi, jistghu jinghataw f'kull waqt tal-procedimenti, jiddisponi espressament li f'dawn il-kazi l-provvediment ta' l-**Artikolu 728** ma jghoddx. Dan jfisser li meta, waqt is-smiegh tal-kawza, tinqala' l-htiega li tinghata eccezzjoni perentorja jew kull eccezzjoni ohra li, b'disposizzjoni espressa tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tista` tinghata f'kull waqt tal-procedimenti, inkluzi dawk l-eccezzjonijiet li jinqalghu waqt il-kawza, ma jkunx mehtieg li ssir talba lill-Qorti kif kontemplat fis-subinciz **(2) ta' l-Artikolu 728** u konsegwentement hija eskluza kull diskrezzjoni ta' dik il-Qorti li tezamina jekk kienx hemm raguni valida l-ghaliex tali eccezzjoni ma tkunx inghatat fin-nota tal-eccezzjonijiet jew fir-risposta. Dan ghaliex l-eccezzjonijiet perentorji ghandhom l-effett li jwaqfu l-proceduri, u l-eccezzjonijiet li jinqalghu waqt il-kawza qatt ma' setghu jitressqu fi stadju tal-prezentata tan-nota tal-eccezzjonijiet. L-indagini tal-Qorti f'dawn il-kazi ghandha tkun limitata biex tistabilixxi jekk verament tali eccezzjonijiet humiex ta' natura perentorja jew jekk il-htiega taghhom inqalatx waqt il-proceduri. Tista` se mai, fil-kaz ta' eccezzjonijiet perentorji li jinghataw fil-mori tal-proceduri, tordna temperament fil-kap ta' l-ispejjez kemm-il darba jirrizulta li l-ostakolu ghal dawk il-proceduri kien pre-ezistenti l-prezentata tal-eccezzjonijiet jew ir-risposta."*

*Illi ghalhekk dan ifisser li din il-Qorti tista' biss tikkunsidra dawk l-eccezzjonijiet li jigu formalment moghtija. Din hi l-posizzjoni in kwantu l-*

*gurisprudenza tikkonforta u dan ghaliex huwa mehtieg li kull eccezzjoni li tigi sollevata mill-konvenut tkun inkorporata f'nota ta' eccezzjonijiet li tigi notifikata lil parti l-ohra. Dan ghaliex in-nota ta' eccezzjonijiet tinkwadra l-linja difenzjonali tal-konvenut ghat-talbiet li jkunu saru fir-rikors u mhux korrett u lanqas ma ghandu jigi permess fi stadju inoltrat tal-kawza, meta l-istadju tal-provi jkunu maghluqa u meta l-pass li jmiss hu li wara it-trattazzjoni tinghata is-sentenza, kif gara f'dan il-kaz fejn l-kontro-parti giet rinfaccjata b'linja difenzjonali gdida minghajr ma gew osservati r-regoli tal-procedura.*

*Dan il-hsieb huwa abbraccjat fis-sentenza '**Camilleri Vincent et vs Aquilina Gaetana'**, deciza fis-16 Marzu 2004 mill-Qorti ta' l-Appell li irriteniet li:*

*"Eccezzjoni li tigi sollevata mill-konvenut tkun inkorportata f'nota tal-eccezzjonijiet akkompanjata b'dikjarazzjoni guramentata mill-parti jew wahda mill-partijiet li tkun qed tressaqha (vide Art. 158). Mhux hekk biss talli l-ligi trid li kopja identika ta' din in-nota tal-eccezzjonijiet "tigi notifikata permezz tar-registru lill-attur jew lill-avukat tieghu." Dan ghaliex in-nota tal-eccezzjonijiet tinkwadra l-linja difenzjonali tal-konvenut ghat-talbiet li jkunu saru fic-citazzjoni u mhux korrett u lanqas ma ghandu jigi permess li, fi stadju inoltrat tal-kawza meta l-istadju tal-provi jkun maghluq u meta din tithalla ghas-sottomissjonijiet orali jew biex jigu prezentati noti tal-osservazzjonijiet, l-kontro-parti tigi rinfaccata b'linja difenzjonali gdida minghajr ma jigu osservati r-regoli procedurali".*

*Il-Qorti hija konxja ta' gurisprudenza li tghid illi l-Qorti hi fid-dover li tiehu konjizzjoni ta' eccezzjonjiet li jkunu gew sollevati waqt it-trattazzjoni tal-kawza, anke f'noti ta' sottomissjonijiet, u anke jekk ma jkunux gew formalizzati fil-forma ta' eccezzjoni kif mistqarr fis-sentenza '**Cristina Anthony Noe Vs Mizzi Eleonora'** deciza 27 ta' Marzu 2003, mill-Qorti ta' l-Appell, pero' dan l-insenjament llum gie gustament newtralizzat b'emendi ad hoc fil-ligi tal-procedura (ara l-**Artikolu 158 tal-Kap 12** kif emendat bl-Att XXIV tal-1995 u emendi ohra precedenti) ma jammontax u lanqas m'ghandu jfisser li l-parti konvenuta ghandha speci ta' 'carte blanche' li kull meta u x'hin jidhrilha l-waqt izzid ma' dawk l-eccezzjonijiet li hija tkun gja tat. Il-pozizzjoni la hija hekk illum (in vista ta' l-emendi li gew fis-sehh) u lanqas ma kienet hekk qabel.*

***L-Artikolu 158** tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili ghandu jfisser illi l-eccezzjonijiet kollha, tant ritwali kemm fil-meritu, li ghalihom fuq il-fatti*

*maghrufa jista' jkun hemm lok, ghandhom jinghataw mill-ewwel fin-nota tal-eccezzjonijiet.*

*Argumenti u ragjonamenti legali dedotti f'trattazzjonijiet orali, f'noti ta' osservazzjonijiet, u mhux bhala eccezzjonijiet formali, ma jobbligawx lill-Qorti li tqishom bhala tali. Diversament ikun jammonta ghal strapp procedurali li jista' jkun ta' pregudizzju serju ghall-kontro-parti attrici, oltre li jkun ukoll jammonta ghal intralc mhux awtorizzat fuq il-proceduri 'in corso'. Dan ir-ragunament isib konfort ukoll fis-sentenza fl-ismijiet '**Falzon Antida vs APS Bank Limited',** deciza 28 ta' Mejju 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn inghad li:*

*"Argument legali dedott f'nota ta' sottomissjonijiet u mhux bhala eccezzjoni formali, ma jobbligax lill-Qorti li tqisha bhala tali. Diversament ikun jammonta ghal strapp procedurali li jista' jkun ta' pregudizzju serju ghall-kontroparti, oltre li jkun ukoll jammonta ghal intralc mhux awtorizzat fuq il-proceduri 'in corso'".*

*Ghalhekk f'din il-kawza din il-Qorti ghandha tara jekk l-eccezzjonijiet kif sollevati mill-konvenut fin-nota tieghu ghandhomx mis-sewwa jew le.*

*Bhala fatt jirrizulta li l-konvenut kien impjegat mas-socjeta' attrici fil-kapacita' tieghu ta' F&B Cost Controller skond il-kuntratt esebit a fol. 11 mmarkat bhala Dok CSH datat 23 ta' Marzu 2009 u dan ghall-perjodu definittiv ta' sena. Ghalhekk dan il-kuntratt kien jiskadi fit-23 ta' Marzu tas-sena 2010. Jirrizulta pero' li dan ma kienx l-ewwel kuntratt li kellu l-konvenut mas-socjeta' attrici u li fil-fatt kien ilu fl-impjieg maghhom ghal numru ta' snin.*

*Gara' pero' li l-konvenut inghata opportunita' ma lukanda ohra maghrufa bhala Intercontinental u dan sabiex jahdem ghal zmien indefinittiv u b'kundizzjonijiet ahjar u ghalhekk thajjar li jittermina l-impjieg tieghu minn mas-socjeta' attrici u jibda jahdem band'ohra. Il-konvenut jghid li huwa ghamel hekk ghaliex is-superjuri tieghu inducuh jghamel hekk. Jghid ukoll li kien hemm sitwazzjoni prekarja ix-xoghol tant li kien hemm hafna impjegati li tilfu l-impjieg taghhom u ohrajn li kellhom il-kuntratt ta' impjieg taghhom mibdul minn full time ghal part time. Jghid ukoll li huwa kien qed ihoss li xoghlu kien mhedded u kien ghalhekk li telaq qabel iz-zmien.*

*Il-konvenut jghid li kien konxju tal-fatt li kien marbut ghal perjodu definittiv u ghalhekk ipprova jilhaq ftehim amichevoli mas-superjuri tieghu sabiex anke jahdem in-notice tieghu sabiex jigi ezentat milli jhallas id-danni gja pre likwidati.*

*Huwa kien baghat ittra lil Ray Grech fil-kapacita' tieghu ta' Human Resources Executive, u dan nhar l-11 ta Awwissu 2009 (fol. 15), fejn infurmah li kien qed jirrizenja mill-impieg tieghu b'effett immedjat. Hu stess jghid fl-ittra tieghu li ittanta hafna sabiex jispicca minn maghhom b'relazzjoni tajba sahansitra anke jghid li kien offra li jaghti hand over u anke li jghin wara l-hinijiet tal-ufficcju izda ir-rieda tajba tieghu ma gietx accettata. Minnufih is-socjeta' attrci kitbitlu u talbitu sabiex ihallas id-danni minnu kagunati permezz ta' ittra datata 12 ta' Awwissu 2009 (Dok CSH 2 fol. 17).*

*Is-socjeta' attrici resqet lil David Sammut jixhed u jghid li l-konvenut kien qallu li kien sab opportunita ohra. Jghid ukoll li l-konvenut kien ipprova jinnegozja mill-gdid il-kuntratt tieghu biex jevita li jhallas il-penali izda ma irnexxilux peress li kien kontra il-policy tas-socjeta' attrici. Issir referenza ghall-email (fol. 52) mibghuta minn dan Sammut lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici fejn inghad li l-konvenut kien qallu li ser jitlaq ghaliex kellu opoprtunita' ahjar u mhux ta' min jitlifha u li kien lest li jhallas il-penali dovuta. Din il-korrispondenza qatt ma giet kontestata jew michuda mill-konvenut. Angela Saliba, Hotel Manager tikkonferma dan ukoll fl-affidavit taghha a fol. 27 u tikkonferma li l-konvenut spicca jahdem minn maghhom ghaliex sab opportunita' ohra u fil-fehma tieghu ahjar.*

*Il-konvenut minn naha l-ohra fix-xhieda tieghu filwaqt li jammetti li verament inghata oportunita' ohra ma' socjeta' ohra, jghid li huwa telaq qabel iz-zmien ghaliex kien inghata x'jifhem li s-socjeta' kienet ghaddejja minn zminijiet koroh u li seta' jispicca minghajr impjieg. Huwa jghid li kien hemm hafna haddiema li gew imkeccija pero' mill-provi jirrizulta li mhux minnu li gew imkeccija izda li l-kuntratt definittiv taghhom kien spicca u li ma giex imgedded. Jghid ukoll li kien hemm hafna nies li kellhom il-kuntratt taghhom mibdul minn full time ghal part time, pero' ma ressaq lil hadd jghid li dan sar kontra ir-rieda taghhom.*

*Minn ezami tad-dokumenti esebiti, ma jidhirx li l-konvenut irnexxilu jipprova li effettivament verament kien hemm it-tkecciji li tkellem dwarhom fix-xhieda tieghu. Ma jirrizultax li kien hemm xi persuna fi grad manigerjali kif kien hu li*

*gie imkecci izda l-impjegati li kellhom xi caqliq kienu haddiema labourers u mhux tal-pinna. Gie pruvat li kien hemm sebgha redundancies fosthom pero' kemm effettivament baqghu haddiema ma jirrizultax. L-konvenut fix-xhieda tieghu tal-24 ta' Ottubru 2011, jghid li Valerie Vella, Head of Department kienet heggitu sabiex jitlaq u jsib impjieg iehor pero' l-konvenut naqas li jressaq lil din ix-xhud li setghet telabora fuq dak li qal. Jikkonferma ukoll li Ray Grech, Human Resources Manager kien lest li jiddiskuti l-posizzjoni tieghu mal-Board sabiex jara jekk kienux lesti li joffrulu l-istess kundizzjonijiet li offrewlu l-Intercontinental. Dan ifisser li l-konvenut telaq ghaliex ghazel impjieg li fil-fehma tieghu kien ahjar u ma telaqx ghar-ragunijiet imsemmija fl-eccezzjonijiet tieghu.*

*Id-dirigenti, jew ahjar impjegati tas-socjeta' attrici li xehdu, cahdu li qalu li huma taw x'jifhem lill-konvenut li kien ser jigi imkecci u fil-fatt l-assistant controller jghid li huwa qal lill-konvenut li jekk kien ser jitlaq, kien ser jikkrejalu hafna problemi u ghalhekk dan ifisser li l-impjieg tieghu kien ghadu bzonnjuz ghas-socjeta' attrici.*

***Ghaldaqstant, din il-Qorti qieghda tilqa' it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallasha is-somma mitluba fir-rikors promotur fl-ammont ta' hamest elef, mitejn u tmienja w erbghin Ewro w tnejn u sebghin centezmu (€5,248.72) u qieghda tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut.***

***L-ispejjez ta' din il-procedura jithallsu mill-konvenut u l-imghax jibda jiddekorri mid-data ta' llum."***

Illi minn din is-sentenza, il-konvenut appellanti ħassu aggravat u interpona dan l-appell bis-segwenti aggravji:-

1. Illi l-Ewwel Qorti applikat il-liġi żbaljata għall-fatti tal-każ.
2. Illi l-appellanti isostni illi huwa kellu raġuni tajba u suffiċjenti sabiex jitlaq mill-impjieg tieghu.

3. Illi l-appellanti jilmenta illi l-Ewwel Qorti ingustament cahhdet it-talba tieghu ghall-isfilz tal-affidavits ta' David Sammut u Angela Saliba, liema talba ġiet miċħuda għal raġuni mhux indikata fit-talba tieghu.

Illi l-fatti kif jirriżultaw huma s-segwenti:

Is-soċjetà attriċi appellata kienet timpjega magħha lill-konvenut appellanti bħala F&B Cost Controller, b'kuntratt ta' impjieg definit, li kien qiegħed jiġi mġedded minn sena għal sena.

L-ewwel data ta' impjieg kienet Marzu 2006. L-appellanti irriżenja mill-impjieg tiegħu fil-**11 ta' Awwissu 2009** (fol 15), u għaldaqstant, meta irriżenja huwa kien fir-raba kuntratt konsekuttiv tiegħu (fol 11), pero kien ilu fl-impjieg għal tliet snin u ħames xhur.

Peress illi l-kuntratt ta' impjieg tal-appellanti intemm qabel skada it-terminu ta' sena indikat fl-aħħar kuntratt ta' impjieg, is-soċjetà attriċi aġixxiet kontra l-appellanti ghal hlas tas-somma ta' ħamest elef, mitejn u tmienja u erbgħin Ewro u tnejn u sebgħin ċenteżmu, rappreżentanti nofs l-introjtu sad-data ta' skadenza tal-imsemmi kuntratt.

Illi fl-ewwel aggravju minnu impostat l-appellanti jilmenta illi l-Ewwel Qorti applikat il-liġi żbaljata għall-fatti tal-każ u dan meta applikat il-liġi li tirregola l-kuntratt ta' impjieg meta tali kuntratt ta' impjieg definit ikun fl-ewwel terminu lavorattiv. Allura jikkontendi illi l-artikolu 36(12) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta ma kellux isib applikazzjoni ghal kaz in dizamina. Dan l-artikolu jispeċifika hekk:

*"Impjegat li jitlaq mis-servizz tal-prinċipal tiegħu qabel iż- żmien speċifikat fil-kuntratt ta'servizz għandu jħallas lill-prinċipal tiegħu somma li tkun daqs nofs il-paga kollha li għaliha huwa kien ikollu jedd kieku huwa baqa' fis-*servizz *għall-bqija taż-żmien hekk espressament miftiehem:"*

Jikkontendi illi kellu ikun l-artikolu 36(5)(c) *invece* li kellu jigi applikat, liema disposizzjoni tal-ligi titratta dwar l-avviż illi jrid jagħti l-impjegat meta jkun beħsiebu jtemm l-impjieg meta tali impjieg ikun taħt kuntratt ta' servizz għal żmien bla limitu.

Din il-Qorti ma tistax taghti raġun lill-appellant fl-argomentazzjoni minnu prospettata. Minn qari tas**-subartikolu 2 tal-artikolu 34** jirrizulta illi:

*"Kull impjegat b'kuntratt ta' servizz għal żmien speċifikat li jagħlaqlu ż-żmien tal-kuntratt u li jinżamm fix-xogħol mill-prinċipal jitqies li jkun inżamm fuq kuntratt għal żmien bla limitu jekk dak l-impjegat ma jingħatax kuntratt ta' servizz ġdid fi żmien tnax-il ġurnata minn meta jkun għalaq il-kuntratt ta' qabel."*

Jingħad illi l-appellanti, li kien gie originarjament impjegat b'kuntratt ghal zmien definit, inghata kuntratt ta' servizz ġdid ghal kull sena ta' servizz maghmul, bl-ahhar wiehed applikabbli ghal kaz (esebit a fol 11), datat 23 ta' Marzu 2009. In vista ta' dan l-imsemmi kuntratt, jingħad illi l-appellanti kien allura impjegat mas-soċjetà appellata b'kuntratt għal żmien determinat li kellu jagħlaq fit-22 ta' Marzu 2010.

Jirriżulta illi l-appellanti waqaf jaħdem fil-11 ta' Awwissu 2009 (fol 15), u allura meta huwa kellu il-kuntratt tiegħu ta' Marzu 2009 għadu għaddej. Dan necessarjament ifisser illi l-appellanti ma kienx qiegħed f'kuntratt bla limitu. Lanqas ma jirriżulta illi l-kuntratt tiegħu ġie konvertit f'wiehed indefinit. L-appellanti beda jaħdem f'Marzu 2006 u spiċċa mix-xogħol f'Awwissu 2009 bl-impjieg tieghu itul għall-perjodu ta' tliet snin u ħames xhur. Illi r-regolament **7(1)(a) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 452.82** jistipula:

*"Mingħajr preġudizzju għar-regolament 3(2), kuntratt ta' servizz għal żmien fiss għandu jinbidel f'kuntratt ta' servizz għal żmien indefinit jekk:*

*L-impjegat kien impjegat kontinwament b'kuntratt bħal dak għal żmien fiss kif imsemmi, jew taħt dak il-kuntratt meħud flimkien ma' kuntratt jew kuntratti ta' servizz preċedenti għal żmien fiss li jeċċedi perjodu ta' impjieg kontinwu għal aktar minn erba' snin."*

Jiġifieri il-kuntratt tal-appellanti ma nqalibx għal wieħed għal żmien indefinit stante illi l-perjodu tal-kuntratt tal-2009 meħud flimkien mal-kuntratti preċedenti u ċioe tal-2006, 2007 u 2009 ma jeċċedux il-perjodu stipulat fil-liġi ta' erba' snin. Allura l-appellanti ma ghandux ragun fl-ilment minnu imressaq u qed jigi michud

**<u>It-tieni aggravju</u>**

Illi l-appellanti jgħid illi huwa kellu raġuni ġusta u suffiċjenti għal licenzjament volontarju mill-impjieg tiegħu u dan fid-dawl tal-fatt illi l-lukanda kienet għaddejja minn żmien ħażin fejn bdew jitkeċċew ħafna nies u huwa kellu l-biża li ser jiġrilu l-istess u li allura kien ser jispiċċa bla xogħol huwa ukoll.

Illi il-gurisprudenza tghallem illi:

*"Dan premess, ma jistax ikun qatt dubitat illi d-dimissjoni unilaterali da parte ta' mpjegat tirrapprezenta dik il-manifestazzjoni ta' volonta ri-entranti fl-ezercizzju tad-dritt potestativ, dwar liema, min ihaddem, irid jissubixxi l-effetti taghha bl-estinzjoni tar-rapport kontrattwali. Konsimili ghal kaz ta' licenzjament, ir-rizenja volontarja mis-servizz, u allura r-recess mill-kuntratt ta' impjieg, huma marbuta mal-principju tal-kawza gusta, a sensu ta' l-Artikolu 36 ta' l-Att XXII ta' l-2002. Naturalment din il-kawza gusta jew raguni tajba trid tigi rigorozament pruvata minn min jadduciha bhala liberazzjoni mill-konsegwenzi li ssemmi l-ligi; f' dan il-kaz, il-konvenut-impjegat. Naturalment*

*ukoll, l-accertament relattiv hu affidavit lill-gudikant u dan ghandu jinvestiga u jevalwa jekk l-addebitu ventilat mill-konvenut ghandux verament riskontru fir-realta` jew huwiex semplici pretest biex il-konvenut jehles mill-obbligu kuntrattwali u legali li jhallas lil min ihaddmu "somma li tkun daqs nofs il-paga kollha li ghaliha huwa kien ikollu jedd kieku baqa' fis-servizz ghall-bqija taz-zmien hekk espressament miftiehem" (Artikolu 36 (12) ta' l-Att imsemmi )*[1]*."*
Imbagħad din is-sentenza tkompli hekk:

*Jidher li kemm id-dottrina legali kif ukoll il-gurisprudenza jirritjenu li l-koncett tar-"raguni tajba u bizzejjed", mhux definit mil-ligi, hu ravvizat f' dawk il-fatti u mgieba tali li jgibu t-tnaqqis ta' dik il-fiducja, hekk kostitwenti l-presuppost essenzjali tar-rapport principal - impjegat. Oltre l-inadempjenza kuntrattwali per se, fir-"raguni tajba" jirrientraw fatti kemm soggettivi kif ukoll objettivi. Kull valutazzjoni dwarhom trid issir b' riferiment ghal dawk l-aspetti konkreti, kollegati man-natura tar-rapport singlu, il-posizzjoni tal-partijiet fl-azjenda jew stabbiliment, u mhux l-anqas, il-portata soggettiva tal-fatt innifsu, ossija c-cirkostanzi verifikati fil-motivi u l-intensita` taghhom, kompriz kull aspett iehor korrelat li jista' jincidi negattivament fuq ir-rapport;"*

Illi mill-ittra esebieta a fol 15 tal-process jirrizulta illi l-appellanti isemmi bhala raguni ghall-licenzjament volontarju tieghu "*unpleasant circumstances set by the management or by an individual"*. Jiġi osservat illi l-appellanti ma jaghtix bhala ir-raguni ghat-temm ta'l-impjieg tieghu l-fatt illi l-lukanda kienet għaddejja minn żmien hażin fejn tkeċċew ħafna nies u huwa kellu l-biża li ser jiġrilu l-istess u li kien ser jispiċċa bla xogħol huwa ukoll. Dina ir-raguni jaghtiha biss fil-mori tal-proceduri li imbaghad gew intavolati kontrieh mill-principal tieghu ghar-rigward tal-ksur tal-obbligi kontrattwali minnu assunti.

[1] Qorti tal-Appell **<u>Nru 2379/2003/1 Cavendish Hotels Limited Vs Beck Jesmond</u>** tat- 23 ta' Novembru, 2005

Mill-atti jirrizulta izda mod iehor billi jidher illi r-raguni tar-riżenja kienet l-opportunita ta' xogħol ma' kumpanija oħra. Illi *ex admissis* l-konvenut appellanti stess ighid illi huwa ġie offert xogħol ieħor mall-Intercontinental Hotels. Dan ifisser illi il-piz tal-prova inkombenti fuqu ma irnexxielux jeghlibha l-appellanti sabiex jikkonvinci lill-Qorti illi huwa kellu raġuni ġusta sabiex jittermina l-impjieg tiegħu, iżda l-impjieg ġie itterminat mill-appellanti unikament għaliex huwa sab opportunita ta' xogħol aħjar li skond huwa stess ma kenitx ta' min jitlifha. Għaldaqstant l-appellanti ma jistax jiġi meħlus mill-effetti tat-terminazzjoni volontarja tal-impjieg tiegħu, stante in-nuqqas tal-kawża ġusta li kellha tiġi ippruvata minnu. B hekk dan it-tieni aggravju ukoll qed jiġi miċħud.

**<u>It-tielet aggravju.</u>**

Finalment, l-appellanti jilmenta mill-provvediment li ngħata dwar ir-rikors tiegħu fejn huwa talab l-isfilz tal-affidavits ta' David Sammut u Angela Saliba, fejn skond huwa, f'dan il-provvediment il-Qorti iddeċidiet dwar dak li l-konvenut ma talabx.

L-appellanti isostni illi huwa kien talab l-isfilz ta' l-affidavits ta' David Sammut u Angela Saliba peress illi dawn ma ġewx intavolati bil-lingwa Maltija u lanqas saret it-traduzzjoni tagħhom, u dan bi ksur tal-artikolu 21 (3) tal-Kapitolu 12. Fil-provvediment tal-Qorti, intqal illi l-affidavits ġew maħlufa u għalhekk ċaħdet it-talba.

Jibda sabiex jiġi osservat illi l-affidavits ta' David Sammut (fol 26) u Angela Saliba (fol 27), it-tnejn bil-lingwa Ingliża, kienu ġew ippreżentati fis-seduta tal-9 ta' Marzu 2011 (fol 24). Ma kienet saret ebda oġġezzjoni mill-appellanti, f'dak l-istadju. Din il-Qorti tosserva illi fil-kors tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti, jirriżulta illi saret it-traduzzjoni ta' dawn l-affidavits (fol 83 u 85

rispettivament) illi ingħataw lill-appellanti fis-seduta tal-15 ta' Novembru 2011 (fol 86). Għaldaqstant dan l-aggravju tal-appellanti kien ġie sorvolat fil-proċedimenti quddiem l-Ewwel Qorti stess, u din il-Qorti tħoss li ma hemm bżonn jingħad xejn aktar dwar dan f'dan l-istadju. Anke l-ilment tal-appellanti dirett lejn l-inamissibilita tal-Email mibgħuta minn David Sammut billi din ma ġietx ikkonfermata bil-ġurament huwa insostenibbli, dan ghaliex din hija prova tal-kontenut taghha u ma kenitx tinneccesita l-konferma bil-gurament. Għaldaqstant dan it-tielet aggravju ukoll għandu jiġi miċħud.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u id-decizjoni appellata ikkonfermata bl-ispejjez ikunu ghak-karigu tal-appellanti.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur